



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

---

**2013/0264(COD)**

29.11.2013

# **EMENDI 12 - 21**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Dimitar Stoyanov**  
(PE523.013v01-00)

Is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern

Proposta għal direttiva  
(COM(2013)0547 – C7-0230/2013 – 2013/0264(COD))

AM\1011660MT.doc

PE524.679v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

AM\_Com\_LegOpinion

**Emenda 12**  
**Rebecca Taylor**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

22. "awtentikazzjoni f'saħħitha tal-konsumatur" *tfisser* proċedura *għall-validazzjoni* tal-identifikazzjoni *ta' persuna fiżika jew ġuridika bbażata fuq l-użu ta' żewġ elementi jew aktar ikkategorizzati bħala għarfien, pussess u wirt li huma* indipendenti, *fis-sens li l-ksur ta' wieħed ma jikkompromettix l-kredibbiltà tal-oħrajn u mfassla* b'tali mod li tipproteġi l-kunfidenzjalità tad-dejta tal-awtentikazzjoni.

*Emenda*

22. "awtentikazzjoni f'saħħitha tal-konsumatur" *hija* proċedura *bbażata fuq l-użu ta' żewġ elementi jew aktar minn dawn li ġejjin – ikkategorizzati bħala għarfien, pussess u inerenza:*

*xi ħaġa li l-utent biss jaf, pereżempju password statika, kodiċi, numru tal-identifikazzjoni personali;*

*ii) xi ħaġa li l-utent biss għandu pussess tagħha, pereżempju token, smart card, telefon ċellulari;*

*iii) xi ħaġa inerenti għall-utent, pereżempju karatteristika bijometrika, bħal marka tas-swaba'.*

*Barra minn hekk, l-elementi magħżula għandhom ikunu reċiprokament* indipendenti, *jiġifieri, il-ksur ta' wieħed ma jikkompromettix l-ieħor/oħrajn. Tal-inqas wieħed mill-elementi għandu ma jkunx jista' jerġa' jintuża u ma tkunx tista' ssir kopja tiegħu (apparti għall-inerenza), u ma jkunx jista' jinsteraq bil-moħbi minn fuq l-Internet. Il-proċedura ta' awtentikazzjoni b'saħħitha għandha tkun imfassla* b'tali mod li tipproteġi l-kunfidenzjalità tad-dejta tal-awtentikazzjoni.

Or. en

## Ġustifikazzjoni

*Id-definizzjoni proposta hija bbażata fuq id-definizzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-forum SecurePay tal-BĊE, madankollu l-kliem użat mhuwiex definit daqstant tajjeb, u aħjar li wieħed jibqa' konsistenti u juża d-definizzjoni nnifisha użata mill-forum SecurePay tal-BĊE.*

### Emenda 13

**Sebastian Valentin Bodu**

#### Proposta għal direttiva

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) *fl-ebda ħin* il-fondi *ma* għandhom *jigū mħallta mal-fondi ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minbarra l-utenti tas-servizzi tal-ħlas li f'isimhom ikunu miżmuma l-fondi u, meta* jkunu għadhom miżmuma mill-istituzzjoni tal-ħlas u jkunu għadhom ma ġewx mogħtija lil min jitħallas jew trasferiti lil fornitur tas-servizzi tal-ħlas ieħor sa tmiem il-jum ta' negozju wara l-jum meta l-fondi jkun ġew riċevuti, *jigū* depożitati f'kont separat f'istituzzjoni tal-kreditu jew investiti f'assi likwidi siguri u b'riskju baxx kif definit mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru ta' domiċilju; u jkunu protetti skont il-liġi nazzjonali ***tal-Istati Membri*** fl-interess ta' dawk l-utenti tas-servizzi tal-ħlas mill-pretensjonijiet ta' kredituri oħra tal-istituzzjoni tal-ħlas, b'mod partikolari fil-każ ta' insolvenza;

*Emenda*

(a) il-fondi għandhom, ***minn naħa waħda, ikunu mmarkati separatament għal kull utent tas-servizzi tal-ħlas filwaqt li, min-naħa l-oħra, dawk il-fondi kollha kkumbinati għandhom ikunu separati mill-fondi tal-istituzzjoni ta' ħlas stess.*** *Meta* jkunu għadhom miżmuma mill-istituzzjoni tal-ħlas u jkunu għadhom ma ġewx mogħtija lil min jitħallas jew trasferiti lil fornitur tas-servizzi tal-ħlas ieħor sa tmiem il-jum ta' negozju wara l-jum meta l-fondi jkun ġew riċevuti, *jigū* depożitati f'kont separat f'istituzzjoni tal-kreditu jew investiti f'assi likwidi siguri u b'riskju baxx kif definit mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru ta' domiċilju; u jkunu protetti skont il-liġi nazzjonali fl-interess ta' dawk l-utenti tas-servizzi tal-ħlas mill-pretensjonijiet ta' kredituri oħra tal-istituzzjoni tal-ħlas, b'mod partikolari fil-każ ta' insolvenza;

Or. ro

### Emenda 14

**Sebastian Valentin Bodu**

#### Proposta għal direttiva

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) F'każijiet fejn il-fondi tal-utenti tas-servizzi ta' ħlas ikun għandhom jintużaw għal ħlas rapidu jew debitu dirett u, qabel l-iskadenza tal-ħlas rapidu jew awtomatiku, jinfetħu proċedimenti legali kontra l-utent tal-fondi li jiġu ffriżati, il-fondi miżmuma mill-istituzzjoni tal-ħlas ma jistgħux jiġu bblukkati jekk il-ħlas rapidu jew id-debitu dirett ikun inħareġ qabel id-deċiżjoni ġudizzjarja li tiffriża l-fondi.***

Or. ro

**Emenda 15**  
**Dimitar Stoyanov**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi li jużaw servizzi ta' trasferiment tal-kont ta' pagament jirċievu mill-fornituri tas-servizzi ta' ħlas li jagħmlu t-trasferiment informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kompletati preċedenti, u dan fuq talba, bi prezz raġonevoli u b'mezz durabbli.***

Or. bg

**Emenda 16**  
**Dimitar Stoyanov**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 34 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-piż tal-provi*** għandu jaqa' fuq il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas biex jagħti prova li kkonforma mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti f'dan it-Titolu.

*Emenda*

***L-oneru tal-prova*** għandu jaqa' fuq il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas biex jagħti prova li kkonforma mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti f'dan it-Titolu.

Or. bg

*Ġustifikazzjoni*

*L-oneru tal-prova f'każijiet ta' nonkonformità mar-rekwiżiti tad-dispożizzjoni tal-informazzjoni dwar is-servizzi ta' ħlas għandu jintreġa' mill-fornitur tas-servizzi ta' ħlas. L-Istati Membri m'għandhomx ikollhom il-possibbiltà li jistipulaw alternattivi oħra.*

**Emenda 17**  
**Rebecca Taylor**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 66 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

B'deroga mill-Artikolu 65, min iħallas jista' jkun obligat iġorr it-telf relatat ma' kwalunkwe tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, sa massimu ta' EUR 50, li jirriżulta mill-użu ta' strument tal-ħlas mitluf jew misruq jew mill-misapprorjazzjoni ta' strument tal-ħlas.

*Emenda*

B'deroga mill-Artikolu 65, min iħallas jista' jkun obligat iġorr it-telf relatat ma' kwalunkwe tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata, sa massimu ta' EUR 50 ***jew ekwivalenti***, li jirriżulta mill-użu ta' strument tal-ħlas mitluf jew misruq jew mill-misapprorjazzjoni ta' strument tal-ħlas.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-ammont imsemmi huwa biss f'Euro. Għandhom ikunu kkunsidrati Stati Membri b'munita differenti u għandu jkun aċċettat ammont ekwivalenti tal-munita f'dak l-Istat Membru, peress li r-rati tal-kambju jinbidlu kuljum.*

**Emenda 18**  
**Dimitar Stoyanov**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 66 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 66a**

***Tranżazzjonijiet ta' ħlas fejn l-ammont  
tat-tranżazzjonijiet mhuwiex magħruf  
minn qabel***

- 1. F'każ ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas fejn l-ammont ma jkunx magħruf fil-ħin tax-xiri, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ammont massimu raġonevoli ta' fondi li jista' jkun ibblukkat mill-kont ta' pagament ta' min iħallas, u perjodu ta' żmien massimu li matulu daww il-fondi se jkunu bblukkati mill-benefiċjarju.***
- 2. Il-benefiċjarju għandu jkollu l-obbligu li, qabel it-tranżazzjoni ta' ħlas, jinforma lil min iħallas jekk il-fondi li jaqbżu l-ammont tax-xiri jkunu se jiġu bblukkati mill-kont tal-pagament ta' min iħallas.***
- 3. Jekk il-fondi li jaqbżu l-ammont tax-xiri jkunu bblukkati mill-kont tal-pagament ta' min iħallas, il-fornitur tas-servizzi ta' ħlas għandu jinforma b'dan lil min iħallas permezz ta' rendikont tal-kont tiegħu.***

Or. bg

***Ġustifikazzjoni***

*F'bosta każijiet, il-prezz finali tas-servizz provdut ma jkunx magħruf fil-ħin tat-tranżazzjoni, u negozjanti bħal kumpaniji tal-kiri tal-karozzi, lukandi eċċ. jibblukkaw għal perjodi ta' żmien twal ammonti li huma oġġla minn daww meħtieġa mill-kumpanija tal-kreditu jew tal-karta ta' debitu ta' min iħallas. Tali Prattiki jiggwarantixxu li n-negozju jirċievi l-ħlas, iżda mingħajr ma l-konsumatur ikun infurmat b'dan qabel ma ssir it-tranżazzjoni ta' ħlas, jew min-negozjant jew mill-fornitur tas-servizzi ta' ħlas.*

**Emenda 19  
Dimitar Stoyanov**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 89 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fil-każ ta' ksur jew ksur suspettat tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottati skont it-Titoli III u IV, l-awtoritajiet kompetenti msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu dawk tal-Istat Membru ***tad-domiċilju*** tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, ***ħliet għall-aġenti u l-fergħat li jwettqu xogħolhom skont id-dritt ta' stabbiliment meta l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu dawk tal-Istat Membru ospitanti.***

*Emenda*

3. Fil-każ ta' ksur jew ksur suspettat tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottati skont it-Titoli III u IV, l-awtoritajiet kompetenti msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu dawk tal-Istat Membru ***ospitanti*** tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas.

Or. bg

*Ġustifikazzjoni*

*Il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet attwali tal-fornituri tas-servizzi ta' ħlas għandu jsir mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għaliex huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jagħmlu dan. L-awtoritajiet fl-Istat Membru ospitanti għandhom ikunu kapaċi jieħdu azzjoni diretta meta l-fornitur tas-servizzi ta' ħlas ma jissodisfax l-obbligi u r-responsabbiltajiet tiegħu.*

**Emenda 20**  
**Rebecca Taylor**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 90 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-informazzjoni msemija fil-paragrafu 2 għandha tingħata b'mod li wieħed jista' jkollu aċċess ***faċli, dirett, prominenti u permanenti*** għaliha fuq il-websajt ***tal-fornitur tas-servizzi ta' ħlas***, jekk din tkun teżisti, fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali ***tal-kuntratti bejn il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas u l-utent*** tas-servizz ***tal-ħlas u fil-fatturi u l-irċevuti li għandhom x'jaqsmu ma' tali*** kuntratti. ***Din tispeċifika kif informazzjoni ulterjuri***

*Emenda*

4. L-informazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tingħata b'mod ***ċar, li jiftiehem u*** li wieħed jista' jkollu aċċess għaliha ***faċilment*** fuq il-websajt ***tan-negozjant***, jekk din tkun teżisti, ***u, jekk ikun il-każ***, fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ***ta' bejgħ jew forniment bejn in-negozjant u konsumatur.***



***dwar l-entità ta' rimedju barra l-qorti  
kkonċernata u dwar il-kundizzjonijiet  
għall-użu tagħha tista' tiġi aċċessata.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kliem propost imur lil hinn mill-kliem tad-Direttiva għas-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) billi jżid r-rekwiżit li din l-informazzjoni tingħata fuq l-irċevuti u l-fatturi kollha u dan jista' jkun ta' piż għal ċerti SMEs. Hawnhekk l-aħjar jintuża l-kliem tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva ADR.*

**Emenda 21**  
**Dimitar Stoyanov**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 92 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. L-EBA għandha toħroġ linji gwida  
dwar is-sanzjonijiet skont paragrafu 2 u  
għandha tiżgura li dawn ikunu effikaċi,  
proporzjonati u dissważivi.***

Or. bg